MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 908/2001/1

**Joseph Gabriele**

**vs**

**Louise Muscat**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fit-8 ta' Settembru 1989 kif jirrizulta mic-Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi l-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ghall-kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-istess attur talab li ghalhekk il-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett ghat-termini tal-Artikolu 19(1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur tal-25 ta’ Jannar 2002 fejn talab li n-notifika ssir wara l-hin legali, u l-Qorti laqghet it-talba b’digriet tad-29 ta’ Jannar 2002.

Rat il-verbal tal-1 ta’ Frar 2002.

Rat ir-rikors tal-attur tat-8 t’April 2002 fejn talab li n-notifika tal-konvenuta ssir skond l-Artikolu 187 tal-Kap 12, u l-Qorti laqghet it-talba b’digriet tad-9 t’April 2002.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tat-23 t’April 2002.

Rat ir-rikors tal-attur tas-26 t’April 2002 fejn talab li n-notifika tal-konvenuta ssir skond l-Artikolu 187 tal-Kap 12, u l-Qorti laqghet it-talba b’digriet tad-30 t’April 2002.

Rat il-verbal tas-7 ta’ Mejju 2002.

Rat in-nota tal-attur tas-17 ta’ Mejju 2002 fejn prezenta estratt minn gazzetta lokali tas-7 ta’ Mejju 2002.

Rat in-nota tal-attur tat-23 ta’ Lulju 2002 fejn prezenta estratt minn gazzetta lokali tas-16 ta’ Lulju 2002.

Rat il-verbal tat-30 ta’ Ottubru 2002 fejn Dr Anthony Ellul ghall-attur ipprezenta nota b’affidavits (fol 36 sa 68) u ddikjara li m’ghandux provi aktar. Il-konvenuta giet imsejha diversi drabi baqghet ma dehritx. Il-Qorti akkordat lill-konvenuta 20 jum biex tipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Frar 2003.

Rat li ma gew ipprezentati l-ebda noti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. Kawza Odjerna

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta celebrat fit-8 ta’ Settembru 1989 jigi dikjarat null u bla effett stante li hu qed jallega li l-kunsens partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; kif ukoll, li l-kunsens tal-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi l-konvenuta ma pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u kwindi hija kontumaci.

### B. Provi Prodotti

Illi fl-affidavit tieghu l-attur **Joseph Gabriele** spjega li minhabba li missieru u nannuh kienu kapitana fil-*merchant navy* hu minn dejjem xtaq karriera fuq il-bahar. Sa minn ckunitu huwa kien dejjem attiv fl-isport, ihobb l-avventura u jqatta' hafna hin barra mid-dar. Fi Frar 1983 beda jattendi l-iskola nawtika f'Ottubru 1983 beda jimbarka bhala *deck cadet.* Il-vjaggi, parti mill-istudji, kienu jvarjaw bejn tlett gimghat u xahar u nofs kull wiehed u dawn komplew sahhewlu l-fehma li jaghmel karriera fuq il-bahar. Imbaghad fil-11 ta' Awissu 1984 siefer u mar jahdem fuq vapur u dam kwazi sena shiha abbord. Gie lura fit-8 ta' Gunju 1985.

Illi huwa ltaqa' l-ewwel darba mal-konvenuta meta kellu 16-il sena pero' bdew johorgu flimkien fis-Sajf tas-sena 1987. Huma kienu jiltaqghu filghaxija u normalment kienu johorgu mal-hbieb. Fil-bidu tar-relazzjoni kellhom argument minhabba r-relazzjoni ntima ta' bejniethom. Illi f'dan il-perjodu hu siefer diversi drabi ghal diversi xhur fosthom sitt xhur shah jistudja fl-Ingilterra. Kwindi l-kuntatt bejniethom kien rari hafna u kien permezz tat-telefon. Meta gie lura Malta mill-Ingilterra regghu hargu flimkien izda huwa rega' ghamel perjodi twal isiefer u kienu jikkomunikaw bit-telefon.

Illi fi Frar 1989 iddecidew li jizzewgu. Huma ma tkellmux dwar il-pjanijiet taghhom wara z-zwieg u x'kienu jistennew minn xulxin u mill-hajja mizzewga. Hija kienet taf tajjeb li hu kien deciz li jibqa' jsiefer u javvanza fil-karriera tieghu ghal fuq il-bahar. Lanqas rigward tfal qatt ma ddiskutew. Skond huwa anki l-Kappillan qalilhom li kienu mmaturi biex jizzewgu. Huwa ma kien involut xejn fil-preparamenti tat-tieg u lanqas il-kors ta' Kana ma mar. Fil-perjodi li kien ikun Malta kien iqatta' l-hin idur fuq il-mutur jew jaqra, u jiddeverti ma' shabu u joqghodu jixorbu.

Illi hu xehed li meta l-vapur kien jorbot fil-port kien jinzel fuq l-art. Kienu jsiru *parties*, jixorbu u kienu jitilghu abbord nisa sbieh u kemm-il darba kellu x'jaqsam ma' tfajliet. Hu qal hekk *"Jiena kont promiskwu u qatt ma ghaddieli minn rasi li kont qieghed nesponi ruhi li niehu xi marda serja."* Fis-sitt xhur li kien imsiefer qabel iz-zwieg kien qieghed

fuq vapur u qal li kien perjodu fejn kien qed jixrob hafna alcohol. Wara tlett gimghat li gie lura huwa u l-konvenuta zzewgu. Anki l-*honeymoon* kellhom argument u ghamlu ftit granet ma jitkellmux u kien johrog ghal rasu. Wara ftit li gew lura huwa kellu jsiefer ghal seba' xhur. Hija marret xi zmien mieghu fuq il-vapur izda dan kien zmien ta' hafna argumenti ghax hu kien jixrob hafna u hi kienet tibqa' hafna hin wahedha fil-kabina u hin flimkien ftit kienu jqattghu. Din it-tip ta' hajja bejniethom baqghet hekk. Imbaghad f'Settembru 1992 tela' jistudja Southampton u hi kienet telghet tghix mieghu. Dak iz-zmien hi sabet tahdem u hu kien iqatta' hafna hin fil-kullegg jistudja. Finanzjarjament kienu batuti u din kompliet taffettwa r-relazzjoni matrimonjali taghhom. Il-komunikazzjoni ta' bejniethom ma kienitx wahda tajba. F'Gunju 1993 spicca l-istudju tieghu u rritorna Malta pero' xorta baqa' jsiefer.

L-attur qal li ghalkemm il-perjodi li kien qieghed iqatta' f'Malta kienu qosra *"qiesu sena wara z-zwieg jiena bdejt inhossni ristrett … … Meta kont inkun Malta bdejt ninduna li jiena u Louise ma konna naqblu f'xejn u kont qiesni qed nghix ma' mara barranija."* Huwa kien ikollu genn biex jerga' jsiefer.

Illi imbaghad bejn Settembru 1993 u Jannar 1994 hu kien fuq il-bahar gewwa Sud Afrika. Louise qaltlu li kienet applikat ghan-nom tieghu ghal impjieg ta' *Port State Control Inspector* ma' l-Awtorita' Marittima ta' Malta. Huwa ma merijiex. Meta rritorna Malta sab ruhu mpjegat fuq l-art. Ghalih dawn kienu l-aghar sentejn ta' hajtu kien f'dan iz-zmien li huwa u martu bdew isiru jafu lil xulxin u f'dan iz-zmien ikkonferma l-hsieb li kellu dakinhar fil-Knisja huma u jizzewgu cioe' li hu ma setax jibni hajtu maghha minhabba li kellha karattru differenti hafna minnu. Ghalih ir-relazzjoni tieghu kienet ostakolu fil-hajja tieghu personali u fil-karriera u dan il-fatt kompla ghen biex kibret il-bruda bejniethom. Iz-zwieg iddeterjora fi zmien qasir u l-komunikazzjoni bdiet sejra mill-hazin ghall-aghar. Infatti beda jsib l-iskuzi sabiex kull tant zmien isiefer u jaghmel perjodi qosra jahdem fuq il-vapuri. Fuq il-vapuri huwa kien ihossu qed jiehu sahhtu lura u fl-istess hin kien qed jehles

mill-inkwiet tad-dar ghax l-argumenti kienu saru regolari bejniethom.

Fl-1995 is-sitwazzjoni d-dar saret insopportabbli u ghalkemm kienu ghadhom ighixu taht l-istess saqaf kienu jorqdu fi kmamar separati u kien beda johrog mal-hbieb. B’hekk fil-bidu ta’ Jannar 1996 huwa telaq mid-dar u fid-19 ta’ Settembru 1996 sar il-kuntratt tas-separazzjoni. Ftit wara s-separazzjoni huwa telaq mill-impjieg tieghu u beda l-karriera tieghu fuq il-bahar li hu jghid li hi hajtu.

Illi fix-xhieda tieghu hu l-attur **Richard Gabriele** kkonferma li huh kien attiv fl-isport u li kien ihobb jixxala. Huwa ddeskrivieh bhala tip ta’ persuna li jaghmel ta’ rasu u parir ma jiehdux. Huwa kkorrobora max-xhieda ta’ huh cioe’ li l-karriera fuq il-bahar ghalih kienet importanti hafna. Huwa qal li Joseph hu tip ta’ bniedem dejjem jigri mal-hbieb, jixrob u jhobb jiddeverti. Kien popolari hafna mat-tfajliet u minn dejjem kellu hafna hbieb. Huwa kkonferma li preparamenti ghaz-zwieg ma sar xejn u li wara l-*honeymoon* huh baqa’ jsiefer ghal tul ta’ perjodi u huwa kien jistqarr mieghu li meta kien jidhol fil-portijiet huwa kien imur il-*parties*, kien ihobb jixrob u jaghmel iljieli ma jorqodx u kien ighidlu kemm kien jiltaqa’ ma’ nisa sbieh u kemm kien ikollu opportunitajiet. Huwa kkonferma li huh beda jahdem fuq l-art kontra qalbu minhabba nsistenza u pressjoni min-naha tal-konvenuta. Ix-xhud qal li huh kien qata’ hafna mill-kuntatt mal-familjari tieghu nkluz huwa. Dwar tfal qal li lill-konvenuta dawn kienu jdejquha u kienet qalet quddiemu li hi ma rieditx tfal u li kien jinteressaha li timxi ‘l quddiem fil-karriera taghha.

Illi **Kevin Galea**, habib tal-attur, sa minn tfulithom. Huwa kkonferma li l-attur kien iffissat fuq il-vapuri u li kien ihobb jiddeverti. Illi hu kien jaf li l-attur kellu tfajla izda bil-mod kif kien jagixxi ma kienx jaghti x’tifhem li kien qieghed jiehu r-relazzjoni li kellu mal-konvenuta bis-serjeta’. Huwa kien anki rah ma’ xi tfajliet ohra. Hu qal li *“Bil-karattru u l-atteggjament ta’ Joseph ghalija ma kienx possibbli li johloq relazzjoni serja ma’ tfajla”.* Meta hu u shabu saru jafu li kien se jizzewweg baqghu mistaghgba. Wara z-

zwieg xorta kien jarah meta jigi mis-safar u kien induna li l-affarijiet ta’ bejniethom ma kienux sejrin sew.

## C. Ligi Applikabbli ghall-Kaz *De Quo*

Illi l-attur qed jibbaza t-talbiet tieghu a bazi ta’ **l-artiklu 19(1)(d), (f) u (g)** tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi dawn l-artikoli jinqraw hekk kif gej :-

“**Artikolu 19(1)** *B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta’ dan l-Att, iz-zwieg ikun null :-*

*(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*

*(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur”.*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn is-sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid iIli z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta’ xi wahda miIl-partijiet ikun vizzjat b’diffett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja Ii taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti Ii taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* .

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'aementia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in **'L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP

deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002); **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); u **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* **(Viladrich, P.J. "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** (Montreal, 1993) p. 686).

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an*

*environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi rigward l-**artikoli 19(1)(f)** dan jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*"colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att posittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi 'nfatti meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi 'noltre' fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Av.Christopher Cilia et noe"** (Cit.Nru:3130/96/NA – 10/11/99) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi kwindi mill-provi prodotti rrizulta li meta l-attur izzewweg il-kunsens tieghu kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Kap.255.** Dan ghaliex huwa evidenti li ghall-attur kienet ferm aktar importanti l-karriera tieghu fuq il-bahar milli r-relazzjoni u z-zwieg tieghu li kellu mal-konvenuta. Sa minn mindu kien zghir huwa ried ikollu din il-karriera, ta' eta' zghira beda l-iskola u baqa' miexi. Mill-bidu nett beda isiefer ghall-perjodi twal u ta' spiss u jkun abbord il-vapuri. Dan gie ppruvat bid-diversi dokumenti li l-istess attur ipprezenta in sostenn tal-affidavit tieghu. F'parti minn dawn il-perjodi huwa kien

beda r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta w eventwalment kienu anki zzewgu. Irrizulta li meta kienu jidhlu f'xi port huwa kien jattendi *parties* fejn kien jixrob hafna u meta kien ikun hemm tfajliet u kien ikun hemm okkazzjoni kien ukoll ikollu relazzjonijiet intimi maghhom.

Illi dan kollu jwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-attur ma kellux dik id-diskrezzjoni u maturita` li tirrikjedi l-ligi biex jidhol ghaz-zwieg u jaqsam hajtu ma' haddiehor. Jirrizulta wkoll illi komumikazzjoni wisq bejn il-partijiet ma kienx hemm wisq u ma kienux jafu wisq lil xulxin. Illi huwa stess qal li ghalih is-safar kien mezz biex jahrab mill-problemi tad-dar u dan juri li minflok ipprova jaffronta u jsolvi l-problemi kien jahrab minnhom u din turi ammont kbir ta' immaturita'. Jidher li l-attur qatt ma kellu ntenzjoni jghix il-hajja mizzewga izda ried jibqa' jghix hajja ta' guvni billi jibqa' jgawdi u jixxala. Bil-komportament tieghu rrizulta wkoll li huwa eskluda parzjalment iz-zwieg billi eskluda l-element tal-fedelta` ghax ma' kull okkazzjoni li kienet tipprezenta ruhha li jkollu x'jaqsam ma' tfajliet ohra, li ma kienitx l-gharusa tieghu jew martu, huwa kien jehodha.

Illi rigward l-**artikolu 19(1)(g)** ma ngabux provi bizzejjed biex jissostanzjaw tali talba.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-8 ta' Settembru 1989 huwa null u bla effett minhabba li l-kunsens tal-attur kien vizzjat *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255**.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------